MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 338/2004

John Pappalardo u Dino Pappalardo
vs
William Robert Grech

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi huma kredituri tal-konvenut fl-ammont ta' hamest elef, mija u tmenin liri (Lm5,180) flus mislufin mill-atturi lill-konvenut kwantu ghal Lm2,100 skond skrittura privata tat-2 ta' Dicembru 2003 (Dok A); kwantu ghal Lm2,100 skond skrittura privata tat-30 ta' Dicembru 2003 (Dok B) u kwantu ghal Lm980 dovuti mill-konvenut lill-atturi skond skrittura privata tal-15 ta' Novembru 2003 (Dok C).

Peress illi dan id-dejn huwa wiehed likwidu, cert u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-artikli

167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), inkluz illi l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti ghal din it-talba.

Peress illi l-konvenut baqa’ ma hallasx dan id-dejn.

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-atturi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ hamest elef u mija u tmenin liri Maltin (Lm5,180).

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mill-31 ta’ Marzu 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensur tal-atturi.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi semghet bil-gurament lil John Pappalardo li qal li minn meta pprezenta c-citazzjoni l-konvenut ma hallas xejn. Ikkonferma l-ammont li hu dovut ta’ Lm5180 bhala sorte. Zied li l-attur l-iehor huwa Dino Pappalardo li huwa t-tifel tieghu li jitkellem mieghu regolarment kwazi kulljum u f’ ebda okkazjoni ma qallu li rcieva xi flus.  Inoltre zied jghid li l-kambjali qeghdin ghandu u ghalhekk bil-fors kieku sar xi hlas hu bil-fors ikun jaf.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa’ kontumaci;

Rat li fis-seduta tal-lum meta l-konvenut gie msejjah tliet darbiet ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ hamest elef u mija u tmenin liri Maltin (Lm5,180), bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mill-31 ta’ Marzu 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------